10

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 211/16/F

**Saviour Scerri**

**vs**

**B & M Supplies Ltd**

Illum 20 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mija u sebgħa u tletin ewro, u erbgħa u tmenin ċenteżmi (€1,137.84), rappreżentanti l-prezz sabiex jissewwa s-sufan illi r-rikorrenti kien xtara mingħand id-ditta ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sufan mingħand is-soċjeta' ntimata illi wara ċertu żmien beda jitqaxxar.

It-Tribunal, jinnota li l-partijiet kienu waslu għal ftehim b'dan illi s-soċjeta' ntimata ħallset seba' mitt ewro (€700) lura u l-partijiet kienu ffirmaw li din kienet il-*full and final settlement* illi minkejja li r-rikorrenti ħa dan l-ammont xorta għamel il-kawża għax meta mar jieħu stima ta' dawn il-ħsarat innota li l-ammont kien ferm iktar.

It-Tribunal, jinnota illi verament li s-sufan kien qed jitqaxxar u li allura verament kellu l-ħsara, pero' rriżulta illi r-rikorrenti kienu aċċettaw l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700) *in full and final settlement,* u allura wara li tiffirma dan it-tip ta' ftehim ma tistax tippretendi li tibqa' titlob iktar. Illi wieħed imissu jagħmel l-affarijiet tiegħu sewwa qabel ma jiffirma u jkun ċar għalxiex qiegħed jiffirma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888